# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

12 ta' Marzu, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.34pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Stephen Gauci

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 66

66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 65
66.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' Pjazza Santa Margerita;
66.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
66.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet
66.6 Komunikazzjoni;
66.7 Ilmenti u Suġġerimenti
66.8 Avvenimenti – Wine Festival/ Jum Sannat
66.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/2024;
66.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

66.1.1 Il-kunsillier Stephen Gauci bagħat imejl li ma' jistax jattendi.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 65

66.2.1 Is-sindku beda l-laqgħa billi talab skuża għal-fatt li l-laqgħa bdiet tard għax kellhom ħsara teknika. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 65. Is-segretarja eżekuttiva diga' bagħtet l-minuti tal-laqgħa Nru 65 lill-kunsilliera. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 66.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

66.3.1 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li fejn hemm is-siġra l-kbira, issa ngħalqet bil-pavimentar, ħlief għal-parti li nstabet dik il-ġebla ta' żmien il-Kavallieri, fejn hemmhekk parti minnha se tiġi bil-ħġieġ. Il-periti qed jiddiskutu flimkien rigward il-ħxuna u d-disinn tal-ħġieġ, dan għal-fatt li se jgħaddu l-karozzi minn fuqha. Il-pavimentar f'din iż-żona ġie grouted, pero' l-perit mhux kuntent sa' l-aħħar kif sar dan il-grouting. Dan għal-raġuni, li hu stqarr li l-kuluri tal-porfido suppost ħarġu iktar. Din se tkun diskussa fil-laqgħa li jsir fuq il-proġett ta' kull ġimgħa, fejn se jissuġerixxi li jintefa tip ta' aċidu apposta biex it-taħlita tal-grouting tinħasel kif suppost, u hekk ikunu jistew joħorġu aktar il-kuluri mixtieqa. Is-Sindku rrimarka li xħin il-pavimentar ikun mxarrab joħorġu aktar il-kuluri, u anki se jissuġerrixxi li jintefa' xi tip ta' sealer biex ma jerġax titħammeġ daqshekk malajr. Il-kunsillier Bajada saqsa fuq is-sealer, jekk dan jixrobx il-pavimentar u jiġiex jiżloq. Is-Sindku qal li hu se jipproponu lill-perit waqt il-laqgħa li jsir rigward il-pjazza, biex jaraw jekk hux fattibbli. Is-Sindku qal li fi pjazzez oħrajn fosthom ta' Pjazza San Franġisk intefa' xi tip ta' sealer u l-kuluri tal-porfido ikunu aktar vivaċi. Fl-aħħar id-deċizjoni finali hija tal-perit, li finalment irid jiċċertifika x-xogħlijiet.

66.3.2 Il-parti ta' Triq ta' Ċenċ, issa ngħalqet kollha fejn ġejja l-karreġjata, pero' is-Sindku nfurmat li l-ħaddiema m'għandhomx biex ikomplu jpoġġu l-pavimentar. Il-materjal se jasal għada l-Erbgħa, fejn suppost kellu jasal fil-jiem ta' qabel. Is-sindku qal li huwa mportanti li l-materjal jasal, għax infatti fi żmien ġurnata u nofs il-container bil-pavimentar ġie mpoġġi kollu.

66.3.3 Is-Sindku flimkien mal-perit marru l-fabbrika fejn qed jinħadmu l-bonavostri. S'issa hemm madwar ħamsa u tmenin bonavasti lesti, li se jiġu mwaħħlin fil-parti d-dritta. L-ikbar diffikulta li għandhom hija t-turġien tal-ġnub, ovvjamnet għax il-bonavostri iridu jinħadmu

waħda waħda. Id-disinn tal-moll ta' fuq u t'isfel huwa lesti w huwa mminenti li jibdew jinħadmu.

66.3.4 Il-kunsillier Tewma saqsa fuq il-pedestall, fejn is-Sindku qal li sa fejn huwa nfurmat, dawn għadhom ma bdewx jinħadmu, pero' d-disinni huma lesti. Is-salib lanqas għadu ma bediex jinħadem, pero' għandhom kollox biex jibdew jaħdmu. Is-Salib se jibda jinħadem mingħajr it-taraġ ta' madwaru. Dan għal-fatt li l-kuntrattur flimkien mal-perit, ikunu jridu jaraw l-livelli u s-salib jitpoġġa dritt. Tħallew żewġ pipes fejn se jgħaddi d-dawl tas-salib u eventwalment jistew jinqelew xi madum, li mbagħad jerġa jitpoġġa u jiġi grouted. Is-salib se jkollu erbgħa t'idwal – tnejn quddiem u tnejn wara. Il-kunsillier Tewma saqsa jekk hux se tkun diffiċli f'dan il-każ biex jerġew jitwaħħlu l-madum jew inkella jiddajjef il-grouting tal-madwar. Is-Sindku qal li din mgħandiex tkun issue, għax fil-fatt saqsa lill-perit.

66.3.5 Rigward il-ġibjun/ċisterna, il-perit talab li jsir rapport min structural engineer. Ġie il-professur Alex Torpiano, professur ta' l-arkitettura fl-Universita ta' Malta, fejn se jagħmel rapport dettaljat mitlub. Faħħar ħafna x-xogħol li sar fuq dan il-ġibjun, fosthom li tkaħħlu il-pilastri u ġew restawrati. Is-segretarja eżekuttiva fakkret li dan ir-rapport irid jgħaddi lill-periti tal-kurja kif kien miftiehem, għax fil-fatt talbu għall-aġġornament fuq dan ir-rapport. Il-kunsill qed jistenna rapport dettaljat biex eventwalment jittieħdu miżuri meħtieġa kif hemm bżonn. Il-professur qal li fejn hemm il-pedestall dan għandu sodda soda, u kkonferma li l-pedistall kollu huwa mibni bil-konkos. Hu qal li l-arkati huma sodi, pero' l-pilastri huma ftit dgħajfa għal-fatt li hemm l-ewwel żewġ jew tliet fillati ġebel kbir, imbagħad hemm biċċa żgħira fuq il-pilastru li qed jistrieħ kollox fuqu, fejn teżisti possibilta li jekk ikun hemm ħafna nies fuq iz-zuntier kapaċi jisfronda. Għalhekk il-kunsill qed jistenna dan ir-rapport dettaljat biex imbagħad jittieħdu l-miżuri meħtieġa. Il-kunsillier Tewma saqsa ħariġx ir-riżultat ta' liema perjodu huwa dan il-ġibjun/ċisterna. Pero' jidher sa fejn huwa nfurmat is-sindku, li ma kienux ittieħdu samples ta' ġebel biex jiddeterminaw l-perjodu li nbena dan il-ġibjun. Is-sindku qal li l-kunsill kellu kritika pożittiva għax il-materjal interessanti ta' ċertu valur li nstabru ġew ikkonservati, u hekk se jitgawdew mill-poplu .

66.3.6 Quddiem it-taraġ taz-zuntier se jsir ħġieġa, pero' ma tawx garanzija li mhux se tkun tiżloq jekk tkun mxarrba. Is-sindku qal li tkellem mal-perit jekk jagħmlux tapit fuqha w jitneħħa fejn hemm bżonn. Is-Segretarja eżekuttiva qalet li meta marret Poland, kien hemm dawn is-sejbien arkeoloġiċi, kollha kellhom il-ħġieġ fuqhom u tabelli li tindika li jista' ikun li jiżloq xħin ikun mxarrba l-ħġieġa. Il-kunsillier Tewma semma li jekk isir tapit ikun qed jintilef il-valur tal-ħġieġa li tkun saret. Is-Sindku qal li l-perit semma dan il-fatt biex il-kunsill ikun infurmat u eventwalment il-kunsill jieħu d-deċizjoni. Is-sindku ssuġerixxa wkoll li l-ħġieġa tiġi ftit l-isfel u jsir gradilja tal-ħadid, pero' l-perit qal li f'din l-eventwalita jinġemma kull tip ta' ħmieġ. Il-kunsillier Tewma saqsa jekk għandhomx isiru poles, pero' is-sindku qal li jridu joqgħodu attenti biex ma jkunux ta' inkonvenjent, speċjalment f'okkazzjonijiet speċjali li jkun hemm fil-knisja. Il-kunsillier Bajada qal jekk hux prerogattiv li din il-ħġieġa isirx quddiem iz-zuntier eżatt, bis-sindku jwieġeb li l-perit jixtieq li l-parti mikxufa bil-ħġieġ, wieħed jista' jara l- perspettiva tal-arkata kollha. Il-kunsillier Tewma saqsa rigward il-ventilazzjoni , bis-sindku jwieġeb li diġa sar il-ventillazzjoni, fejn sar pipe tat-200" taħt il-pilastru, ntuża l-kanal l-antik li kien hemm eżistenti, u l-pipe ħareġ minn fejn hemm is-siġra ta' ħdejn l-istatwi l-qodma. Hawnhekk infetħet kaxxa kbira, se jkun hemm il-pipe u ser jsir

extractor biex jiġbed l-arja u jarmiha minn naħa oħra. Is-Sindku qal li l-ġibjun tħammel u tnaddaf. Il-perit ħaseb għal- żewġ main holes biex fl-eventwalita li jkun hemm xi ħsara fid-dawl, kunu jista' jittranġa.

66.3.7 Il-kunsillier Tewma saqsa jekk ħadux ritratti, u anki s-segretarja eżekuttiva qalet li huwa xieraq li jittieħdu ritratti tax-xogħlijiet li qed isiru fil-ġibjun, biex dawn ikunu jistew jiġu esebiti. Is-sindku kkonferma li ritratti ġew meħuda. Il-viċi Sindku saqsiet jekk il-proġett hux se jitlesta sad-data stabilita, bis-sindku huwa kunfidenti li din id-data hija fattibli, ix-xogħol miexi b'ritmu tajjeb u mportanti jssa li jiġi l-materjal biex ikunu jistew ikomplu l-pavimentar.

66.3.8 Is-Sindku qal li qed jippruvaw, li fil-vaganzi ta' l-Għid tat-tfal ta' l-iskola, se tinqala' l-parti t'isfel tal-pjazza, fejn se tingħata s-sodda tal-konkos u jibda jitpoġġa l-pavimentar. Għalhekk it-traffiku se jgħaddi mit- Triq 28t'April u joħroġ mit-Triq Cocco Palmieri u vici versa. Fi Triq 28 t'April, ir-residenti ikunu jistew jipparkjaw fil-parking bay tal-faċċata tat-triq tagħhom.

66.3.9 It-tender tal-pots ġie ffinalizzat u qed jistennew li tidħol il-garanzija biex il-kunsill jagħti l-order to start work. It-tender ta' l-għamara se jagħlaq it-Tnejn 25 ta' Marzu fl-10.00am, jinfetaħ it-tender, jintaqa' l-bord u jkun irid jingħalaq ir-rapport. F'dan il-każ, is-sindku qal li possibilment jista' jlaqqa l-kunsillieri għal-laqgħa b'urġenza biex jiġi kkonfermat . Il-proċess jitlob li jgħaddi l-għaxar t'ijiem ta' l-appell, u supplier iġib il-garanzija mitluba u eventwalment jingħata l-order to start work. Il-bord se jkun kompost mill-viċi Sindku u l-kunsillier Tewma minn naħa tal-kunsill, flimkien ma' l-inġinier Cordina.

66.3.10 Għada se jkun hemm laqgħa mal-kuntrattur rigward il-bażi ta' l-isem 'Ta' Sannat'. Is-Sindku qed jinsisti ma' l-enemalta biex il-wires jiġu taħt l-art. L-infrastruttura hija lesta, hu huwa mperattiv li proġett bħal dan ma jkunx hemm wires mdendlin, speċjalment wires li jaqsmu it-triq li jkunu koroh għal-fini estetika. Il-kuntrattur baqallu jwaħħal żewġ arbli, wieħed fit-tarf ta' Triq Marziena u l-ieħor fejn l-aħħar binja ta' triq li tmur għax-Xewkija. Meta jitwaħħlu dawn l-arbli tad-dawl, ikun irid jgħaddi cable oħxon għal ġol-feeder pillar. Minn naħa tal-kuntrattur, dan għadda l-cables l-irqaq għal ġod-djar ta' Sannat Road. Xħin l-enemalta jarmaw il-feeder pillar, jgħaddu l-kurrent għal ġol-meter tad-djar u hekk ikun eliminat il-wires ta' barra. Rigward il-binjiet li hemm fil-pjazza, dawn il-cables s'issa għadhom m'għaddewx għal ġod-djar minn naħa tal-kuntrattur.

66.3.11 Il-kuntrattur huwa nfurmat biex jibda d-dawl mal-faċċata tal-knisja għax issa ż-żmien qed jagħfas u eventwalment jinġema x-xogħol, u jekk jista' ilesti ċertu xogħlijiet jaqbad u jagħmlu. Il-kunsill ikollu wkoll serħan il-moħħ li x-xogħol ikun sar sewwa u ma jkunx xogħol ta' l-għaġġla. Il-kuntrattur se jkun f'kuntatt man-nies li jarmaw il-faċċata tal-knisja biex ikun hemm koordinament flimkien.

66.3.12 Il-kunsillier Tewma saqsa fuq l-armar tad-dawl tal-festa tal-faċċata tal-knisja. Is-Sindku qal li dan mhux se jaffettwa xejn, pero' huwa fir-responsabilita' tal-knisja biex tiddeċiedi. Dan

il-fatt diġa ġie diskuss f'xi laqgħat preċedenti. Il-kunsillier Bajada semma li fejn sar restawr tal-knejjes, dan sar b'garanzija li ma jitwaħħal xejn mal-knisja, peress li kienu fondi ewropej. Fir-rigward tal-knisja ta' Sannat din ma' ġietx restawrata.

66.3.13 Ma kienx hemm mistoqsijiet oħra minn naħa tal-kunsilliera.

## 66.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.4.1 Rigward il-proġett tal-kalkara tal-Ġir, il-kuntrattur rama l-iscaffolding madwar il-kalkara. L-uffiċċjal tal-health and safety kellem lill-kuntrattur biex jagħmel xi aġġustament biex ikunu konformi mal-protokol marbut mal-health and safety. Il-kuntrattur għamel dawn ir-rakkomandazzjonijiet u issa qed jistennew l-inġinier biex jiċċertifika l-armar. Uffiċċjal fi ħdan is-SEH, ġie fuq il-post biex jispezzjona u jagħti l-linji gwida, u rrimarka fost l-oħrajn li hemm spluzzjoni ta' melħ fuq qan is-sit. Is-Sindku ppropona ma' dan l-uffiċċjal, jistax jinbidel il-ġebel li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-kalkara, għax għad hemm ġebel f'kundizzjoni tajba, u jista' jitpoġġa n-naħa ta' quddiem biex jitgawda iktar. L-uffiċjal tas-SEH qal li dan mhux permess u jekk ġebla tinqala' u tkun f'kundizzjoni tajba trid terġa' titpoġġa fl-istess post. Flimkien mal-perit, ir-rappreżentant ta' SEH qablu li għandu jsir xi tip ta' tikħil apposta. Il-perit irid jiġi on-site biex jara jekk ix-xogħlijiet humiex jimxu kif miftiehem. L-uffiċċjal tas-SEH qal ukoll li l-għoli tal-ġebla irid ikun l-istess qies tal-ġebla li tkun inqalet. Huwa rrimarka wkoll li l-kantun għandu jkun lixx u mhux ikollu daqqiet tal-kolpi. Il-kunsillier Tewma rrimarka li ġebel il-ġdid li se jitpoġġa mhux se jkun l-istess kulur, u għalhekk forsi jitfewlu xi żejt taż-żarnuna biex il-ġebla tiswied. Is-Sindku qal li ma tkellemx mal-perit fuq hekk, pero' saħaq li l-ġebla ma ddumx ma tiswied u se jippruvaw isibu ġebel addattat.Il-kunsillier Bajada semma li l-ġebel jittiekel mir-raxx tal-melħ, speċjalment dik in-naħa li r-riħ jonfoħ bil-qawwi.

66.4.2 Rigward it-tender tas-servizzi, is-sindku qal li llum infetħu l-offerti mitfuha, hu mill-ewwel indikazzjoni jidher li l-kuntrattur li se jagħmel it-tarmac ma jidhirx li huwa l-irħas offerent rigward it-tender in kwistjoni jiġifieri tas-servizzi. Pero' għadu irid jinħatar il-bord, jiġi aġġudikat it-tender u jaraw huwiex technical compliant. Il-kunsill mhu se jsib l-ebda oġġezzjoni jekk l-irħas offerent tat-tender tas-servizzi ikun technical compliant u għaldaqstant ikun jista' jibda x-xogħlijiet u minn naħa l-oħra ix-xogħlijiet marbuta mat-tarmac tat-triq ta' wiċċ it-triq huwa kuntrattur differenti. Kulħadd għandu jassumi r-responsabilita' tiegħu u ma jkunx hemm xkiel fuq ix-xogħlijiet li għandhom isiru biex titlesta t-triq. Il- Il-kunsill ħatar il-bord li se jkun fuq dan it-tender tas-servizzi, li se jkun magħmul mill-viċi Sindku u l-kunsillier Tewma flimkien ma' l-inġinier Christian Cordina biex jiġi aġġudikat dan it-tender. Is-segretarja eżekuttiva saqsiet kif qed jitkellmu fuq il-bordijiet, biex il-kunsill jikkonferma l-bord ta' l-aġġudikazzjoni tat-tender tal-kameras tas-sigurta'. Il-

bord se jkun kompost mill-viċi sindku, l-kunsillier Tewma u l-inġinier Christian Cordina. Is-sindku se jikkonferma l-ħin u d-data ta' meta se jitlaqqa l-bord.

66.4.3 Is-Sindku qal li s-segretarja eżekuttiva qed tipprova tagħmel kuntatt mal-kumpanija Green MT sabiex tara meta l-ibins tal-bring in-sites se jiġu provduti. Is-Sindku rrimarka li f'waħda mill-komunikazzjoni ma' din il-kumpanija, enfassizaw li biex jiġi provduti u mpoġġija f'posthom irid ikun hemm kameras tas-sigurta nstallata minħabba xi vandalizzmu li jista' jkun hemm. Dawn il-kameras tas-sigurta ta' din il-kumpanija jaħdmu bid-dawl, fejn preċedentement il-kumpanija ta' qabel GreenPak kella l-kameras tas-sigurta' jaħdmu b'sistema solari. Naturalment, dawn il-kameras tas-sigurta ma jaħlux ħafna konsum ta' dawl u għaldaqstant s-sindku qal li l-kunsill ma jkunx għaqli li jdaħħal meter tad-dawl ħabba l-ispejjeż involuti. Għalhekk il-kunsill irid jara hemmx residenti fil-viċinanzi li huma disposti li joffru d-dawl biex ikunu jistew jaħdmu dawn il-kameras tas-sigurta. Għaldaqstant f'dan il-każ irid jiġi nstallat sub-meter biex jitħallas il-konsum. Possibilta oħra tista tkun li l-kunsill iħallas il-panel solari u l-kumpanija tħallas il-kameras. Fil-fatt fit-tender li għalaq rigward it-tender tal-kameras tas-sigurta li se jiġu nstallati madwar ir-raħal, l-irħas offerent huwa ftit inqas mil-fondi allokati u hekk ikunu jistew jinxtraw dawn il-pannelli solari. Pero', naturalment din it-tender għadha trid tiġi aġġudikata mil-bord maħtur, u anki iridu jaraw il-fatt jekk dawn il-kameras humiex kompatibbli li jaħdmu permezz ta' sistema solari. Is-segretarja eżekuttiva ħeġġet lis-sindku biex iqajjem din l-issue fil-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex.

66.4.4 Is-sindku qal li qed jinħass il-bzonn li fil-kommunita Ta' Sannat ikun hemm post fejn dawk in-nies li jħossuhom fis-solitudni, ikunu jistew jibdew jintaqew xi darbtejn fil-ġimgħa fejn ikunu jistew jissoċċjalizaw flimkien, ikollhom xi taħdidiet u attivitajiet oħra. Is-sindku qed jissuġerixxi li jrid ikun hemm persuna li tieħu ħsieb dan is-servizz. Il-kunsill joħroġ is-sejħa fuq din l-inizzjativa mar-residenti Sannatin. Minn hemm Il-kunsill jara r-rispons mir-residenti fuq din l-inizzjattiva u jimxu minn hemmhekk. Is-sindku ndika li l-berġa tas-saħħa li hemm bejn l-għassa u l-lattrina pubblika, mgħadiex taqa' taħt ir-responsabilta' tal-Ministeru tas-saħħa u qegħda f'idejn id-dipartiment ta' l-artijiet. Il-kunsill irid jesplora l-fatt biex din il-binja tiġi devoluta lill-kunsill ta' Sannat u jkun jista' jkun żvilupat f'ċentru fejn jistew jinteqew dawn in-nies. Bħalissa l-berġa qegħda fuq sular wieħed u konsegwentement jista jinbena sular ieħor u jsir sala mdaqqsa. Jista jintuża wkoll l-bejt tal-lattrina pubblika u anki jekk iħossu l-bżonn tista' tintalab biċċa art minn wara lill-ministeru ta' l-edukazzjoni. Is-segretarja eżekuttiva qalet li is-servizz tal-patoloġija mhux se jibqa' jingħata mill-isptar iżda minn tliet bereġ differenti. Il-kunsillieri qablu li l-ewwel jagħmlu t-talba għad-devoluzzjoni tal-post, f'eventwalita isiru x-xogħlijiet meħtieġa u jaraw kif din il-klinika tista taqdi l-funzjonijiet tagħha bl-aħjar mod. F'dan il-każ iridu jitkellmu ma' l-professjonisti u anki biex jindikaw l-ispazju disponibli għalxiex ikun l-aktar addattat biex jiġi offrut tip ta' servizzi.

## 66.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

66.5.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

66.5.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

15.25 Il-laqgħa ġiet sospiża minħabba l-laqgħa annwali fejn residen jistaqsu xi mistoqsijiet u jagħtu suġġerimenti kif titlob il-liġi.

15.56 Kompliet il-laqgħa numru 66 wara li kien hemm intervent minn resident kif titlob il-liġi marbuta mal-laqgħa annwali tal-kunsill.

## 66.6 Komunikazzjoni

66.6.1

Is-segretarja ezekuttiva kkomunikat lill-kunsilliera, li l-performance bonus tagħha – li diga' kien diskuss go laqgha preċedenti u kien approvat minn naha tal-Kunsill sa minn meta bdiet mal-Kunsill- ġie approvat minn naħa tad-Direttur Ġenerali u anki l-qualification allowance tal-masters li għandha ġie kkonfermat.

66.6.2

L-animal steward, is-Sur Noel Borg ġibed l-attenzjoni, li l-performace bonus tiegħu tas-2023 għadu ma rċievihx u s-segretarja eżekuttiva qalet, li dement li miktub fil-kuntratt, se tkellem lil accountant u dan jinħadem fil-jiem li ġejjin. Il-kunsilliera qablu unanimament li dan għandu jingħata jekk miktub fil-kuntratt.

66.6.3

Is-Sindku qal li fix-xahar ta' Marzu w April, ikun hawn ħafna fjuri sofor magħrufa bħala l-'Ingliża', u xi ħadd rrimarka lis-Sindku biex il-ħaddiema ma jaqtawx dawn il-fjuri sofor waqt li jkunu qed jagħmlu il-qtugħ ta' ħaxix ħażin. Dan għal-fatt, li dan iż-żmien in-naħla Maltija tiekol din it-tip ta' fjura u hekk tkun aktar b'saħħtha, biex tkun tista' iddakkar. Is-sindku talab lis-segretarja eżekuttiva biex tinforma lill-ħaddiema biex ma jaqtewx din il-pjanta. Fil-fatt, bħal sena ilu reġgħet ħarġet ċirkulari marbuta ma' din l-inizzjattiva.

66.6.4

Is-segretrarja eżekuttiva qalet li l-ħaddiema tal-kunsill irrimarkaw li kull sena f'Sibt il-Ġħid, l-uffiċċju tal-kunsill ikun magħluq, u l-ħaddiema saqsew, hux se jkun magħluq din is-sena
66.6.5 wkoll. Il-kunsilliera qablu li jingħalaq bħal ma jsir kull sena.

Is-segretarja eżekuttiva qalet lill-kunsilliera li qed tibgħatilhom iċ-ċirkularijiet li jirċievi l-kunsill u anki xi nformazzjoni li tkun importanti, fejn tħoss li huwa mportanti li l-kunsilliera jkunu jafu.

66.6.6

Sar qbil mill-Kunsill li se ssir l-applikazzjoni ghal fondi tad-DLG SPI/SCI/5/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025. Kien hemm qbil bejn il-Membri kollha tal-Kunsill fuq din id-decizjoni . Il-Kunsill qabel ukoll li napplikaw ghal fondi ohra kollha fuq progetti diversi li johorgu jekk ma jkunx hemm ragunijiet bhal budgets li jzomm lill-Kunsill ta Sannat milli jaghmel dan.

Rigward is-sala tal-każin, il-kunsill se jagħti l-approvazzjoni biex isir l-purtiera u anki biex jinxtara t-tapit għas-sala. Is-siġġijiet tħallsu għax il-kunsill rċieva notifikazzjoni mil-bank ċentrali ta' Malta, fejn ikkonferma b'dan il-ħlas. Is-sindku qal li x-xogħlijiet waslu fl-aħħar, kulma jonqos hija z-zoklatura ta' l-injam. Hemm diffikulta wkoll bil-kumprassur ta' l-arja kondizzjonata, għal-fatt li jrid jintrema krejn biex jittella f'postu. Is-sindku saqsa lill-perit tal-proġett tal-pjazza, hux possibli li jintrema krejn, pero' dan m'aċċettax. Is-sindku spjega lill-membri tal-kumitat tal-banda u l-kuntrattur li qed jagħmel l-AC's fis-sala, ir-raġuni għala ma jistax jintrema l-krejn, minħabba t-toqol tal-vettura u anki għal-fatt li t-triq f'din l-eventwalita trid tingħalaq u dan mhux possibli. Il-kunsillier Bajada saqsa, jekk il-krejn jistax jintrema fi Triq Cocco Palmieri, dan ilaħħaqx biex ikun jista' jittella l-kumprassur. Is-sindku se jagħmel dan is-suġġeriemnt, biex ikun jista' jittella fuq il-bejt tal-każin, anki għal-fatt li
66.6.7 dawn ġejjin fuq in-naħa ta' wara tal-bejt tal-każin. Il-wall paper ma weħilx minħabba li baqa' jrid jitqatta l-injam u hekk jiġi evitat li jsir xi ħsara. Il-brazzi tad-dawl se jitwaħħlu xħin jitpoġġa l-wall paper. Il-viċi Sindku qalet, li l-persuna li se tagħmel il-purtiera kkonfermat li sa' l-Ġħid din tkun imwaħħla fuq il-post. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li d-deadlines għandhom jiġi rrispettati, għax zgur mhux se jkun hemm estensjoni oħra.

66.6.8

Is-segretarja eżekuttiva kienet bagħtet korrispondenza/emejl lill-kunsilliera, li l-kunsill rċieva mingħand il-perit Teddie, biex tiġi rrilaxxata garanzija marbuta mal-bini ta' penthouse fuq is-sit 'Miġla Court' Triq it-Tin. Il-kunsill se jagħmel appuntament mal-perit biex jara hux kollox sew u l-garanzija tiġi rrilaxxata.

Is-segretarja eżekuttiva saqsiet il-kunsillieri jekk kellhomx iċ-ċans jaraw korrispondenza li
66.6.9 bagħtitilhom rigward skemi li ħarġu mill-Ministeru għal-Għawdex, li l-kunsill jista japplika. Is-sindku ssuġerixxa li jiġu rrestawrati l-erbgħa statwi l-qodma li hemm fil-pjazza u Sqaq fi Triq ta' Ċenċ jew l-isqaq tal-mużew skond il-varjazzjoni. Is-sindku qal li jekk japplikaw għal żewġ skemi ma' xulxin ikollok iktar punti u naturalment il-kunsill jieħu aktar fondi. Is-segretarju eżekuttiva fakkret li għalissa l-kunsill mhux f'pożizzjoni li jidħol għal xi proġett mhux fully funded, kif kien miftiehem f'xi laqgħa preċedenti.

66.6.10

Is-segretarja eżekuttiva qalet li jekk il-kunsiliera jkollhom xi mistoqsijiet rigward xi ċirkulari jew komunikazzjoni li tkun għaddietilhom, dawn jibagħtulha emejl lura ħalli tkun tista' tagħti l-kjarifika wara li tkun għamlet ir-riċerka meħtieġa.

66.6.11

Il-kunsill rċieva mistoqsija mingħand persuna partikulari, fejn saqsa hemmx postijiet fir-raħal li wieħed jista jikkampja u anki xi 'trekking sites'. Is-segretarja eżekuttiva tkellmet mas-sindku, u wieġbet, li fir-raħal m'hemmx camping sites u bħala trekking paths nsibu Ta' Bardan, Ta' Seguna u Ta' Ċnus u Ta' Ċenċ, pero' din ta' l-aħħar hija propjeta privata.

66.6.12

Il-kunsill kellu talba fl-laqgħat preċedenti rigward rampa fi Triq il-Kbira, fejn is-sindku flimkien mal-perit marru fuq il-post fejn ir-resident talab li jsir rampa, pero' dakinhar ir-resident ma kienx id-dar. Il-kunsill għamel komunikazzjoni ma' din ir-residenta, li sfortunatament nfurmat lis-segretarja eżekuttiva li dakinhar kienet l-isptar mar-raġel tagħha u ma setgħetx tkun preżenti. Is-segretarja eżekuttiva qalet li se terġa tagħmel appuntament u tinforma lis-sindku u l-perit fuq din id-data l-ġdida.

66.6.13

Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva emejl mingħand il-korporazzjoni ta' l-ilma rigward il-wiċċ ġdid tat-tarmac li se jsir fi Triq Paranji. Is-Sindku qal li t-tender ingħalaq illum, għandu jiġu aġġudikat u finalment l-kunsill jagħti t-tweġiba bid-dettalji mitluba lill-korporazzjoni ta' l-ilma.

66.6.14

Is-segretarja eżekuttiva fakkret li l-applikazzjoni li jidħlu lill-awtorita ta' l-ippjanar marbuta mar-raħal ta' Sannat qed jintbagħtu lill-kunsillieri. Hija rrimarkat, li jekk jaraw xi applikazzjoni li jridu xi kjarifika jew jagħmlu xi oġġezzjoni, jibagħtulha mill-ewwel għax jista' jkun li jagħlaq it-terminu ta' żmien li wieħed jista' joġġezzjona u hekk ma joqgħdux jistennew sal-laqgħa li jmiss.

## 66.7

Il-kunsill qed iżomm il-minuti tal-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex, għal-fatt li ħafna drabi jissemma r-raħal ta' Sannat u l-kunsill Ta' Sannat.

66.7.1

## Ilmenti u suġġerimenti

66.7.2

Il-kunsill rċieva lment minħand persuna rigward parkeġġ reservat fi Triq Ta' Ċenċ għal-muturi, li fil-fatt kien hemm qabel, pero' din tqaxxret u ma reġgħetx saret. Il-kunsillieri qablu li din terġa jsir.

66.7.3 Il-kunsill rċieva lment mingħand l-arċipriet li qal li reġa' daħal l-ilma tax-xita fil-kappella tas-sagrament. Il-project manager flimkiem mal-perit tal-kunsill marru fuq il-post u sabu li daħal inqas ilma mis-soltu, u probabilment dan se jiġi eliminat x'ħin jingħalaq il-proġett tal-pavimentar. Is-sindku qal li ma' jistax jifhem kif qed jidħol l-ilma wara li sar il-grouting tal-bankina, il-konkos, tunnel, sar il-membrane kollu u xorta daħal ftit ilma. Is-segretarja

66.7.4 eżekuttiva qalet li mir-ritratti, huwa evidenti li daħal ferm inqas ilma minn qabel.

Il-kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-ministeru għal-Għawdex rigward ħajt tas-sejjieħ

66.7.5 fi Triq ta' Mġarr ix-Xini biex jiġi rranġat. Din it-talba saret permezz tas-sistema tal-minsteru.

Resident talab li bankina li tinsab fi Triq 28 ta' April titranġa għax hija mkissra. Il-kunsill m'għandux għalfejn jaqbel li titranġa għal-fatt li din hija ta' periklu. Għalhekk se tintalab biex din il-bankina tiġi tranġata minnufih.

Resident għamel ilment personali mas-segretarja eżekuttiva rigward ħofor fi Triq Palozzo

66.7.6 Palina u qed ikun ta' periklu għalih xħin ikun isuq il-mutur. Il-kunsill se jagħmel talba bis-sistema biex isir patching f'din it-triq bis-sistema tal-ministeru. Is-Sindku għamila ċara li Triq Palozza Palina, qed ikun hemm dawn il-ħofor, għax għamel żmien twil ħiereġ l-ilma minħabba leakeges u hekk inqala' t-tarmac. Raġuni oħra hija, li meta ġew il-ħaddiema tal-korporazjoni ta' l-ilma biex jirranġaw dawn il-ħsarat fl-ilma, kissru it-tarmac u ma' rranġawx kif suppost.

**66.8**

Intevention team fi ħdan il-ministeru għal Għawdex qed jibgħat emejls fejn qed jaraw li hemm xi affarijiet li l-kunsill irid jieħu azzjoni fuqhom.

66.8.1

## Avvenimenti

L-attivita marbuta ma' Jum Sannat 2024, il-kunsill fil-laqgħa preċedenti kien qabel biex jintbagħtu ittri lir-residenti, rigward in-nomina ta' Ġieħ Sannat. Fil-fatt, is-segretarja eżekuttiva qalet li xi ħadd ċempel il-kunsill u qalulu biex jgħaddi l-uffiċċju tal-kunsill biex jiġbor id-dokumenti. Is-Sindku qal, li Jum Sannat jaħbat ma' tliet irħula oħra f'Għawdex li

66.8.2 jkollhom il-jum tar-raħal tagħhom, u għalhekk jista' jkun hemm xi diffikultajiet fl-organizazzjoni u loġistika marbuta ma' dan il-fatt, fosthom is-sehem tal-banda f'din l-attivita. Għal dan l-għan, Il-kunsillieri ssuġġerew, li din l-attivita jsir filgħodu,nhar is-Sibt 27 t'April biex tkun f'nhar il-jum Sannat. Is-Sindku se jiċċekja fuq din il-proposta, speċjalment mal-kumitat tal-banda, biex jara d-disponibilita tagħhom.

66.8.3

Rigward l-inawgurazzjoni tal-pjazza Santa Margerita li ppjanata li jsir l-Ħadd 28 t'April , il-kunsill qiegħed f'diskussjonijiet mal-ministeru għal-Għawdex biex jaraw kif se jiżvolġu l-affarijiet marbuta ma' l-organizazzjoni. Hemm il-ħsieb ukoll, li jkun preżenti l-Prim Ministru Robert Abela, u f'dan il-każ jekk ikun ġej, hemm protokal stabbilit li wieħed irid jimxi miegħu. Is-Sindku se jinforma lill-kunsilliera xħin ikollu iktar informazzjoni sħiħa.

66.8.4 Il-Wine festival mhux se jsir fis-27 t'April, minħabba li dak inhar se jittella' l-International fireworks festival f'Għawdex, imma se jsir fl-4 ta' Mejju. Bħala entertainment se jkun hemm lil Jolene Saleme flimkien mal-band tagħha, kif ukoll Cash & Band. L-inbid diġa magħżul u ġie ordnat u qed jistennew il-kunsinna tasal. Il-kunsill ġab kwotazzjoni tajba ħafna fuq it-tazzi ta' l-inbid bl-għajnuna ta' persuna li qiegħed fis-sotto-kumitat u anki se tittella bħal snin oħra l-kompetizzjoni ta' l-inbid. Din trid tiġi orġanizzata tajjeb, fejn is-soltu jkun hemm persuna nkarigata, li jġib is-samples ta' inbid, imbagħad jiġi s-sommelier u jagħmel ir-rapport tiegħu, u eventwalment joħroġ ir-riżultat.

Fuq l-'Easter Market', il-kunsill applika li jsir il-Ħadd 17 t'April. Is-Sindku qal li ġie nfurmat li apparti l-avveniment ta' St'Patrick's Day f'Għajnsielem, pero' dan se jdum sa l-4pm, se jiġi organizzat ukoll fl-istess ġurnata, pellegrinaġġ fuq l-għolja t'Għammar, u saqsa lill-kunsilliera humiex ta' l-ideja li tinbidel id-data. Is-segretarja eżekuttiva qalet li il-kuntratt mal-ministeru għal-Għawdex diġa ġie ffirmat, u anki nbagħat fuljett lir-residenti b'din id-data u mhux ta' l-idea li din id-data għandha tinbidel. Il-Kunsilliera qablu li din id-data għandha tinżamm, anki għal-fatt li min se jarma f'dan il-market, huwa diġa nfurmat b'din id-data.

## 66.9

66.9.1

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/2024

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 4/2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-viċi Sindku Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 66.10

66.10.1

### Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-4.28pm u ġiet aġġornata għal nhar it- Tlieta 23 t'April 2024, fis-1.30 pm

Konfermati, illum 23 ta' April 2024

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja eżekuttiva